# Il-Ħadd 10.11.2019

1. Illum 10/11:-
   - Fuq iz-zuntier, qed isir *Bake & Cake Sale* b'risq il-manutensjoni u l-proġetti ta' restawr tal-Knisja, b'mod speċjali għat-tiswija tal-lanterna tal-koppla tal-knisja. Napprezzaw il-koperazzjoni tagħkom.
   - Fuq iz-zuntier ukoll, voluntiera u membri tal-*Malta Hospice Movement* ser ikunu magħna biex jilqgħu xi donazzjonijiet ħalli jkunu jistgħu jipprovdu aktar għajnuna tant meħtieġa.

2. Il-Ħadd 17/11, **Jum il-Foqra**:-
   - Il-ġabra tal-quddies tmur għall-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.

3. Avviżi oħra:-
   - Infakkar li b'rabta maċ-ċimiterju, qed tinġabar il-kontribuzzjoni ta' € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta mal-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, u mal-konsum tal-ilma u l-elettriku, taċ-Ċimiterju. Waqt li nirringrazzja lil min diġa ħallas, napprezza jekk min għadu ma għamilx dan, jiġi l-Uffiċċju Parrokkjali biex jagħmel dan mill-aktar fis. Napprezza wkoll il-ġenerożità tagħkom jekk toffru donazzjoni biex inkomplu ntaffu l-ispejjeż tal-manutenzjoni taċ-ċimiterju.
   - Il-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Direttorju b'informazzjoni u bl-attivitajiet parrokkjali għas-sena 2020. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Jekk hawn xi żgħażagħ li għadhom kif ggradwaw mill-Università, mill-MCAST, mill-ITS, jew minn xi entita' edukattiva oħra, mitluba javviċinaw lill-Kappillan minħabba li qed tiġi maħsuba attività għalihom.

4. Avviżi mill-Kunsill Lokali:-
   - Illum 10/11 ser issir tellieqa li fiha l-atleti ser ikunu qed jgħaddu minn diversi toroq f'Ħal Safi: il-Ħajt Ruman, Feniċi, Qerd in-Naħal, Ajżar, San Ġwann u Ta' Rqajja'. Dan mit-8:05am sat-8:35am. Għalhekk mitlubin issegwu l-istruzzjonijiet tal-pulizija u tal-*marshalls* tat-tellieqa.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 325 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutenzjoni tal-knisja;
   - € 50 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni taċ-Ċimiterju;
   - € 25 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi.

6. Nitolbu għal Veneranda Cutajar li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...